**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 29 – IT-TLIETA, 8 TA' NOVEMBRU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Josette Micallef | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat: | Robert Vella Bonnici | Membru |
| Assenti | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 28**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dott. Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Is-Sur Mangion staqsa jekk kinitx intbagħtet it-tfakkira dwar para. 2.1. Is-Sur Bonello Ghio kkonferma.

2.2 Is-Sur Mangion talab sabiex kull korrispondenza li ssir mill-amministrazzjoni fir-rigward iz-zona tal-Kappara, tibda tintbagħat kopja tagħha lil kull membru. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat tfakkira dwar para. 2.1 filwaqt li għandu jiġi kkupjat ukoll il-Ministru Mizzi.

2.3 Is-Sur Mangion informa li fir-rigward ta' para. 2.2 ma kienu rċevew ebda risposta. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil-LESA u titlobhom jinstallaw *speed camera*.

2.4 Is-Sur Mangion irrimarka li għalkemm twaħħlet il-*locality map* imsemmija f'para. 2.3, Trejqet is-Summien m'hijiex inkorporata fuq il-mappa.

2.5 Is-Sur Mangion informa li għadha ma saritx il-laqgħa mal-kuntrattur Owen Borg li jieħu ħsieb il-knis fil-Kappara. Kien hemm qbil li din il-laqgħa titħalla għal Jannar 2017.

2.6 Il-Kumitat innota li t-tabella ta' para. 2.5 kienet twaħħlet.

2.7 Is-Sur Mangion informa li fir-rigward ta' para. 4.1 is-SE kien infurmah li huwa kien kiteb lill-Enemalta biex jinfurmahom li d-dawl mhux jixgħel u dawn kienu qatgħuh huma minħabba li allegatament din iz-*zebra crossing* saret bla permess. Is-SE infurmah li sadanittant kienet imtliet applikazzjoni tal-STL biex jinġab il-permess neċessarju.

2.8 Is-Sur Mangion ġibed l-attenzjoni li r-rinfreskar tal-marki tat-toroq ta' ħdejn l-iskola taċ-Chiswick għadhom ma sarux.

2.9 Is-Sur Mangion irrimarka li l-marki msemmija f'para. 3.2 għadhom ma sarux lanqas.

2.10 Ġie nnutat li l-*junction box* fi Triq Birkirkara għadha pendenti.

2.11 Ġie nnutat li wara li saret iz-zabra fi Triq il-Kuċċard kantuniera ma' Triq il-Bilbla, zviluppa li kien hemm ħafna ħmieġ fil-plot. Huwa ġibed l-attenzjoni li dan il-ħmieġ ma tnaddafx mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar il-bzonn li wieħed ikun jaf jekk din hijiex art pubblika jew privata sabiex ikun jista' jsir it-tindif neċessarju.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward plot fi Triq tas-Sliema k/m Triq it-Tellerit minħabba li qed isir rimi illegali fiha. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jiġi verifikat hijiex privata jew pubblika. Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li jagħmel tabelli kontra rimi illegali biex jitwaħħlu magħha.

3.2 Iċ-*Chairperson* informa li l-iskip tas-sorijiet tal-Klarissi kienet damet tliet ġimgħat ma titbattalx. Kien hemm qbil li għandu jibgħat kommunikazzjoni lis-Sindku u jitolbu sabiex il-kuntrattur jingħata twissija formali.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Is-Sur Mangion ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Gallina kienet saret kaxxa safra quddiem residenza li l-garaxx tagħha kien inbidel għal kamra tas-sodda u saret talba għal dan ma' TM. Huwa qal li din il-kaxxa kellha ssir bajda għaliex meta r-resident qed jipparkja fid-drive in, il-vettura tiegħu qed tostakola l-bankina.

4.2 Is-Sur Mangion ġibed l-attenzjoni wkoll dwar il-fatt li fl-istess triq kienu saru *double yellow lines* faċċata ta' garaxx fi Triq il-Gallina wkoll. Is-SE spjegat x'inhuma t-termini tar-regolamenti tat-traffiku u b'mod speċjali l-proċedura biex jiġu mmarkati sinjali bojod u sofor.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2016 fis-6.00pm.

**Josette Micallef**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**